MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru. 922/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**MIRIAM CARUANA ta’ 27 sena, bint missier mhux maghruf u Sally (Salvina) nee’ Caruana, imwielda Tal-Pieta’ nhar l-20 ta’ Novembru, 1983, u bl-ahhar indirizz maghruf numru 35, Bull Street, Valletta, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 14784M;**
**OMISISIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Miriam Caruana** li giet akkuzata talli:

1. Nhar l-4 ta' Settembru, 2010, ghall-habta ta' nofsinhar gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkommettiet serq ta' curkett tad-deheb minn gewwa Patrick Jewellery, ghad-dannu ta' l-istess sidien, u cioe' Patrick Refalo u Rita Refalo minn Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u cioe' li jaccedi €232.94 u li izda ma jeccedix €2,329.37, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c), u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix €2,329.37, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli matul il-gurnata tad-29 ta' Marzu, 2008, minn gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' Cashlink Card mahruga mill-BOV, f'isem Hector Vella, u kkommettiet serq bl-istess Cashlink Card, li jammonta ghal €430 u dan billi ghamlet uzu mill-istess Cashlink Card ghad-dannu ta' l-istess Hector Vella u/jew tal-BOV, liema serq huwa ta' iktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 261(c)(d), 267, u 268(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom, u cioe' li kienu gejjin minn serq aggravat bil-valur u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex

iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta’ €430 ghad-dannu ta’ Hector Vella u/jew tal-BOV u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, bi hsara ta’ haddiehor, ghamlet qliegh iehor b’qerq ghad-dannu ta’ Hector Vella u/jew tal-BOV, u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli b’hekk nhar l-4 ta’ Settembru, 2010, gewwa dawn il-Gzejjer, kisret il-provvedimenti mposti fuqha tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 12 ta’ Novembru, 2009, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., u ohra datata 15 ta’ Dicembru, 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D.

Rat il-provi prodotti.

Rat l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputata, fejn fihom hemm ammissjoni (folio 13 – 16 u folio 34 – 35).

Semghet ukoll lil Joanne Farrugia, Probation Officer, dwar Probation Order li l-imputata rceviet minghand din il-Qorti diversament preseduta, dan ghal massimu tal-perjodu. Pero mill-istess xhieda tal-Probation Officer jidher illi Miriam Caruana ma kinitx qed tindirizza l-problema li ghandha tad-droga. Xehdet dwar kemm l-imputata timmissja appuntamenti, tant illi kellha diversi relapses fit-tehid tad-droga.

Rat ukoll in-nota tal-Ufficjal tal-Probation a folio 55 – 56.

Rat ukoll it-tieni nota tal-Ufficjal tal-Probation, folio 64, ghal kollox negattiva.

Xejn m'ghandha aktar xi tghid din il-Qorti, hlief li ssib lil Miriam Caruana hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghha, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 278, 279, 334, 308, 309, 310, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi ma gewx ezebiti lilha ebda sentenzi dwar xi ksur ta' kundizzjoni.

Tqies pero li l-piena ghandha tkun dik karcerarja effettiva ghal perjodu ta' sena(1);
Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex Miriam Caruana tinghata kull facilita' li zzomm il-kuntatti necessarji ghall-kura mehtiega kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------